

Brussell, 2 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11853/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0157(NLE)

ECOFIN 819
UEM 228
FIN 649
CADREFIN 123

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 283 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10152/2021; ST10152/2021 ADD1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 283 final.

Mehmuż: COM(2024) 283 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2024
COM(2024) 283 final

2024/0157 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10152/2021; ST10152/2021 ADD1)
tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-
reżiljenza għall-Greċja**

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10152/2021; ST10152/2021 ADD1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Greċja fis-27 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 ("CID")². Dik is-CID ġiet emendata fit-8 ta' Diċembru 2023³. Fil-5 ta' Ġunju 2024, il-Greċja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Greċja ppreżentat RRP modifikat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (2) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Greċja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 32 miżura.
- (3) Il-Greċja spjegat li żewġ miżuri huma emendati, minħabba domanda aktar baxxa milli mistenni, li kkawżat dewmien fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 33 tal-miżura 16874 (Enerġija u intraprenditorija); u l-istadju importanti 49 tal-miżura 16924 (Elettromobbiltà) taħt il-komponent 2.3 (Iċċarġjar u Riforniment). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 10152 2021; ST 10152 2021 ADD 1.

³ ST 15831 2023; ST 15831 2023 ADD 1.

implimentazzjoni tal-istadji importanti msemmija. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (4) Il-Greċja spjegat li għal tliet miżuri jeżistu alternattivi aħjar biex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-istadji importanti 79 u 82 tal-miżura 16911 (Mezzi tal-ajru għall-ġestjoni tal-kriżijiet) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); il-miri 94 u 95 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16778 (Diġitalizzazzjoni tal-arkivji u tas-servizzi relatati) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni); u l-mira 135 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16942 (Trasformazzjoni Diġitali tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (DYPA)) taħt il-komponent 3.1 (Promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li tbiddel l-ambitu tal-istadji importanti 79 u 82 biex tixtri l-mezzi tal-ajru għall-ġestjoni tal-kriżijiet l-aktar adatti għall-ħtiġijiet tal-Greċja. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li testendi l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-mira 94 u li temenda l-formulazzjoni tad-deskrizzjoni tal-miżura u tal-miri 94 u 95, u li temenda d-deskrizzjoni tal-miżura 16942 u tal-mira 135, li hija kkonvertita wkoll fi stadju importanti, b'mod li jnaqqas il-piż amministrattiv marbut mal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija u mingħajr ma jnaqqas l-ambizzjoni tagħhom. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-Greċja spjegat li għall-24 miżura teżisti alternattiva aħjar li tippermetti li jitnaqqas il-piż amministrattiv fl-implimentazzjoni, filwaqt li xorta waħda tilħaq l-oġettivi tal-miżuri rispettivi. Dan jikkonċerna: deskrizzjoni tal-miżura 16870 (Interventi għall-interkonnessjoni tal-elettriku tal-gżejjer u t-titjib tan-network tal-elettriku), deskrizzjoni tal-miżura 16926 (Appoġġ tal-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin biex tittejjeb il-penetrazzjoni tar-RES), deskrizzjoni tal-miżura 16900 (titjib tan-network fl-għoli tal-HEDNO fiż-żoni tal-foresti), u kejl tad-deskrizzjoni tal-miżura 16901 (titjib tan-network HEDNO bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza u jiġi protett l-ambjent) taħt il-komponent 1.1 (Power-up); deskrizzjoni tal-miżura 16932 (Ċentru Atletiku Olimpiku ta' Atena), deskrizzjoni tal-miżura 16879 (Tħejjija ta' Pjanijiet Urbani fl-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika urbana), l-istadju importanti 36 tal-miżura 16874 (Enerġija u intraprenditorija), l-istadji importanti 34 u 35 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16876 (Aġġornament tal-enerġija tal-bini tas-settur pubbliku), u deskrizzjoni tal-miżura 16873 (Interventi f'żoni residenzjali u fl-istokk tal-bini) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni); deskrizzjoni tal-miżura 16772 (Liġi dwar il-ġestjoni tal-iskart għall-implimentazzjoni tar-rimi fil-miżblijiet u r-riċiklaġġ sostenibbli), deskrizzjoni tal-miżura 16846 (Infrastrutturi ta' Ġestjoni tal-Ilma Urban MORMI u tal-Hama mit-Trattament tal-Ilma MORMI), u l-istadju importanti 66 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16850 (Provviżta tal-Ilma tax-Xorb u Infrastrutturi ta' ffrankar) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); l-istadju importanti 87 tal-miżura 16855 (satelliti żgħar) taħt il-komponent 2.1 (Konnessjoni); l-istadju Importanti 147 tal-miżura 16289 (Strateġija għall-Eċċellenza fl-Universitajiet & Innovazzjoni) taħt il-komponent 3.2 (L-edukazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u hili); l-istadju importanti 154 tal-Miżura 16816 (Riformi u aċċellerazzjoni tal-investimenti fis-Settur tal-Kura tas-Saħħa — Tnaqqis ta' Clawback u razjonalizzazzjoni tan-nefqa fuq il-kura tas-saħħa) taħt il-komponent 3.3 (Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa); deskrizzjoni tal-miżura 16611 (Trasformazzjoni diġitali tal-awditi tat-taxxa) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u tal-ġbir tat-taxxa); deskrizzjoni tal-miżura 16711 (Professjonalizzazzjoni tad-Dominju tal-Akkwist Pubbliku) taħt il-komponent 4.2 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni

pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni); l-istadju importanti 229 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16727 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Ġustizzja (Ġustizzja elettronika)), u deskrizzjoni tal-miżura 16575 (Aċċellerazzjoni tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) taħt il-komponent 4.3 (Titjib tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja); deskrizzjoni tal-miżura 16486 (Mużew ta' antikitajiet ta' taħt l-ilma), stadju importanti 303 tal-miżura 16593 (Emenda tal-qafas legali għall-attrazzjoni ta' investiment strateġiku), deskrizzjoni tal-miżura 16630 (Awtostrada tat-Tramuntana ta' Kreta (B.O.A.K.)), u deskrizzjoni tal-miżura 16833 (Implimentazzjoni tax-xogħlijiet ta' rettifika tal-konformità tal-EASA) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); u deskrizzjoni tal-miżura 16994 (Effiċjenza Enerġetika u promozzjoni tar-RES għall-awtokonsum) taħt il-komponent 5.2 (investimenti tar-REPowerEU tal-5.2). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li tneħħi informazzjoni ta' sfond jew elementi proċedurali bla bżonn li ma jikkontribwux għall-oġġettivi tal-miżuri, biex tiċċara li ċerti elementi huma relatati mal-oġġettivi jew mal-kuntest tal-miżuri, u biex tissimplifika d-deskrizzjonijiet tal-miżuri jew tal-istadji importanti u tal-miri li jikkawżaw piż amministrattiv mhux ġustifikat biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-miżuri rispettivi. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (6) Il-Greċja spjegat li l-istadju importanti 38 tal-miżura 16873 (Interventi f'żoni residenzjali u fl-istokk tal-bini) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni) parzjalment ma għadux jista' jinkiseb, minħabba litigazzjoni fil-qorti kontra l-eżitu tal-proċess tal-akkwist pubbliku, li dewwem l-implimentazzjoni tal-miżura. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti msemmija. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-Greċja spjegat li l-istadji importanti 97 u 99 tal-miżura 16929 (Lejn servizzi orjentati lejn il- "klijent" tal-Amministrazzjoni Pubblika permezz tas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-proċessi, it-titjib tas-sistemi u l-konformità mal-istrateġiji u l-politiki Ewropej) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni) huma emendati, minħabba riallokazzjoni fir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura fi ħdan l-amministrazzjoni Griega. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li jinbidel l-isem tal-Ministeru responsabbli msemmi fl-indikatur kwalitattiv għall-istadji importanti msemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (8) Il-Greċja spjegat li l-istadju importanti 234 tal-miżura 16575 (Aċċellerazzjoni tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) taħt il-komponent 4.3 (Titjib fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja) huwa emendat, minħabba proċessi ta' reklutaġġ aktar kumplessi milli kien previst inizjalment li rriżultaw minħabba l-kalendarju għall-pubblikazzjoni tal-kompetizzjoni pubblika rilevanti mwettqa mill-Kunsill Suprem għas-Selezzjoni tal-Persunal Ċivili (ASEP), li se jirriżulta fil-finalizzazzjoni tal-lista tal-kandidati magħżula sa mhux aktar tard minn tmiem l-2024. Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti msemmija. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Greċja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (10) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex jitqiesu l-emendi għall-pjan.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (11) Ġew identifikati ħames żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw żewġ stadji importanti u ħames miżuri taħt erba' komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tikkoreġi dawn l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Greċja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati ma': l-istadju importanti 50 tal-miżura 16831 (Produce Green) taħt il-komponent 1.3 (Iċċarġjar u Riforniment); deskrizzjoni tal-miżura 16979 (Stabbiliment ta' awtorità regolatorja ġdida tal-ilma u tal-ilma mormi) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); deskrizzjoni tal-miżura 16820 (Riforma fl-oqsma tas-saħħa mentali u tad-dipendenzi) taħt il-komponent 3.3 (Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa); u deskrizzjoni tal-miżura 16610 (Promozzjoni tal-aċċellerazzjoni tar-rifużjonijiet tal-VAT) u l-istadju importanti 338 tal-miżura 16985 (Modifiki għall-qafas tal-politika tat-taxxa tal-Greċja) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżura kkonċernata.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (13) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Greċja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 10152/2021; ST10152/2021 ADD1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Greċja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (14) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP modifikat bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju u self mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (15) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat tal-Greċja huma ta' EUR 36 612 904 139. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġġett mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Greċja, il-kontribuzzjoni finanzjarja totali ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 alllokata għall-RRP modifikat tal-Greċja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 18 220 378 076.

Għoti ta' self

- (16) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Greċja li jammonta għal EUR 17 727 538 920 jibqa' l-istess.
- (17) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (ST 10152/2021; ST10152/2021 ADD1) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Greċja jenħtieġ għalhekk li jkun emendat skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Greċja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti kif ukoll l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti għall-ġoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2 *Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President